Minuti tal-Laqgħa Nru. 43 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2019 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Eric Camilleri |
| Skużat | Is-Sur Kearon Bruno<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Miżura 4.3, Resurfacing Sqaq il-Karmnu Nru 4
5. Miżura 4, Green Infrastructure, Triq id-9 t' April
6. Performance Bonus tal-Impjegati
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Il-minuti kienu proposti mill-Viċi Sindku u sekondati mill-Kunsillier Eric Camilleri.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 3.1 fejn qal li għad fadal żebra crosses li ma sarux. Is-Sindku qal biex nieħdu nota ta' dawn l-affarijiet u jsiru immedjatament ftit żmien wara l-laqgħa.

2.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bollard li kellha ssir fejn l-ispiżjara. Is-Sindku qal li huwa kien ordna xi bollards li kellhom jiġu.

2.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 3.4 tal-minuti preċedenti biex isir it-tindif fiċ-Ċimiterju ta' San Tumas.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm il-ħamrija ta' quddiem il-Każin tan-Nazzjonalisti li qed jintefa ż-żejt fiha. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Eric Camilleri biex jkellem lil dik il-persuna li qed tagħmel din l-azzjoni.

3.2 Il-Kunsillier Caruana qal li baqa ma sar xejn fuq it-traffic management ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Iskola, s-Surmast kien qed iżomm biex jkun hemm aċċess għal karozzi minn naħa ta' wara tal-Iskola. Is-Segretarju qal li huwa kien bagħat reminder permezz t' email ukoll fuq dan il-każ.

3.3 Il-Kunsillier Eric Camilleri qal li jrid kieku jsir disinn u jkun approvat minn naħa tal-Kunsill u fuqu imbagħad jsir it-tiżjin. Is-Segretarju qal li dawn jistgħu jinżammu fil-kantina.

3.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bozza li kellha issir fejn għandu l-garaxx Bonett. Is-Sindku qal li din kienet saret hawnhekk.

3.5 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq id-dawl tal-Milied peress li dan kien fqir l-armar minn naħa tal-Każini. Is-Sindku qal li l-għotja li jingħataw il-Każini ma tkoprix sewwa biex dawn jagħmlu dekorazzjonijiet ġodda. Is-Sindku qal li l-aħjar ikun hemm abbozz ta' ftehim fuqhom u dawn jinżammu mill-Kunsill. Is-Sindku semma li jrid ikun hemm ukoll arranġament fuq l-attivitajiet li jieħdu sehem fihom il-Baned.

3.6 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien se jiġri fuq il-bus shelters peress li dawn għadhom ma twaħħlux. Is-Segretarju qal li huwa kien bagħat email lis-Sur. Ivan Pierre Vella fuqhom.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma li għall Jum Ħal Luqa din is-sena irridu nibdew nippjanaw minn kmieni biżżejjed biex l-attivita tkun waħda tajba. Il-Viċi Sindku qalet li hemm ċertu Clint Bajada li jorganizza dawn it-tip t' attivitajiet.

3.8 Il-Kunsillier Camilleri qal li rridu inkellmu lil tal-kirjiet tal-karozzi li hemm fi Triq Ġanni Vassallo għax dan matul il-ħin ta filgħaxija qed iħalli l-karozzi tal-kiri barra.

3.9 Il-Viċi Sindku semmiet li fi Triq Ċensu Decandia hemm biċċa mit-Triq li niżlet.

3.10 Is-Sindku ippropona li għandha titwaħħal camera fuq in-naħa ta' wara tal-Bandli.

## 4.0 MIŻURA 4.3, RESURFACING SQAQ IL-KARMNU NRU 4

4.1 Is-Sindku semma li fuq din il-Miżura inbeda x-xogħol dil-ġimgħa kif kien tkellem magħna l-kuntrattur. Huwa qal li dan ix-xogħol kien beda kif kien hemm miftiehem jiġifieri bil-main tal-ilma li kienu talbu li jsir il-WSC.

## 5.0 MIŻURA 4, GREEN INFRASTRUCTURE, TRIQ ID-9 T' APRIL

5.1 Is-Sindku qal li fuq din il-Miżura kien se jinħareġ tender apposta u dan se jittella fuq is-sistema nhar it-Tlieta li ġej.

## 6.0 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI

6.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv joħroġ mill-kamra biex jiddiskuti dan l-item.

6.2 Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-Kunsill kien qabel li kemm hu kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill kienu se jieħdu l-performance bonus fil-massimu tiegħu. Is-Sindku għamel ukoll xi osservazzjonijiet lis-Segretarju biex jkunu mtejjba.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq ħlasijiet.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ġimgħa 11 ta’ Jannar 2019 fis-6.45 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-12 ta’ Frar proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________2019.

| | |
|---|---|
| ____________________ | __________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |